# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**MHALLEF**

**ONOR. LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**
**LL.D., M.Jur. (Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 10 ta' Marzu 2016**

**Kawza Numru : 5**
**Rikors Guramentat Numru : 50/2014/LSO**

**Salah Hamed (Pass. Mlt. Nru. 835912)**

**vs**

**Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ir-rikors guramentat ta' Saleh Hamed datat 21 ta' Jannar 2014 fejn espona: -

Illi, preliminarjament jigi rilevat li dan ir-rikors qieghed jigi redatt u pprezentat lil dina l-Onorabbli Qorti *ai termini* tal-

Art. 253 *et seq.* **tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta];**

Illi, **Saleh Hamed,** detentur tal-Passaport Malti bin-numru **835912,** u li twieled nhar l-24 **ta' Awwissu 1986,** gewwa Pieta` Malta frott iz-zwieg, skont ir-rit Musulman, bejn **Abrafum Ali Hamed u Raja Hamed Abuzoda** [*vide Dok* 'A1' u Dok 'A2'- Att tat-twelid Malti ta' **Salah Hamed** u kopja tac-certifikat tat-twelid Libjan ta' **Salah Kilani** rispettivament];

Illi, hija l-uzanza fid-dinja Gharbija li l-mara ma tiehux kunjom ir-ragel wara z-zwieg;

Illi, l-isem tat-tfal skont l-uzanza Gharbija jiehu din l-ordni:

(a) Isimhom
(b) Isem Missierhom;
(c) Isem Nannuhom u
(d) Kunjomhom;

Illi, is-segwenza tal-ismijiet kollha jigi sussegwentement riportat fuq il-passaporti taghhom u l-ahhar isem, li huwa isem nannuhom, jigi riportat bhala kunjomhom;

Illi, peress li mwieled Malta, **Salah Hamed** huwa cittadin Malti [*vide* Dok 'B' - kopja tal-Passaport Malti ta' **Salah Hamed]**

Illi, ghalhekk isem missier ir-rikorrent huwa **Ibrahim A. Kilani** [*vide* Dok 'C' - Passaport Libjan ta' **Ibrahim Kilani];**

Illi, l-omm li skont ir-rit musulman ma tiehux il-kunjom tar-ragel u ghalhekk jisimha **Raga Ahmed Abuzoda** [*vide* Dok **'D' - Passaport Libjan ta' Raga Abuzoda]**

Illi, missier ir-rikorrent **Ibrahim Ali Kilani,** iben **AH** u **Sasia Alhrari** twieled fid-19 **ta' Dicembru, 1957** gewwa Tripoli, Libja [*vide* Dok ‘E' - Certifikat tat-twelid ta' **Ibrahim Kilani];**
Illi, ghalhekk fic-certifikat tat-twelid ta' **Salah Hamed** fil-kolonna **'Isem u Kunjom u Taghrif dwar il-Missier** ghandu jaqra 'Ibrahim Kilani' minnflok 'Abrahim Ali Hamed';

Illi, omm ir-rikorrent **Raga Ahmed Abuzoda,** bint **Ahmed u Ruqaya Alhoulwagi,** twieldet fit-23 **ta' Novembru, 1964** gewwa **Tripoli, Libja** [*vide* Dok 'F' - Certifikat tat-twelid ta' **Raga Abuzoda];**

Illi, ghalhekk fic-certifikat tat-twelid ta' **Salah Hamed** fil-kolonna **'Isem u Kunjom u Taghrif dwar l-Omm'** ghandu jaqra 'RAGA'minnflok 'RAJA'

Illi, Salah Hamed jixtieq issa li l-Att tat-twelid tieghu anness, jigi kkoregut sabiex jirrifletti dan l-istat tal-kunjom jinbidel minn 'HAMED' ghal 'KILANI' *a tenur* tal-Art. **253(3) *et seq* tal-Kodici Civili [Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta];**

Illi, l-attur kien ipprezenta rikors quddiem l-Onorabbli Qorti ta' Revizjoni tal-Atti Nutarili, fl-isem l-attur, liema rikors igib in-numru **149/13** li gie ddekretat nhar is-**7 ta' Novembru 2013** fejn dik il-Qorti cahdet it-talbiet tar-rikorrent sabiex

isiru il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att ta' Twelid u konsegwentement kellha issir din il-kawza;

Ghaldaqstant, umilment jitolob r-rikorrent, *a tenur* tal-provi dokumentarji kollha annessi, kif ukoll dawk il-provi kollha producibbli fl-istadju opportun tas-smigh ta' dan ir-rikors, sabiex dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex:

1. Fl-Att **ta' Twelid** li jgib in-numru **0042818,** bin-numru progressiv 3790 liema Att huwa ddatat id-**29 ta' Awwissu 1996** li jirreferi ghat-twelid tal-attur **Salah Hamed** li sehh nhar l-**24 ta' Awwissu 1986,** fil-kolonna intestata ***'Isem u kunjom - Taghrif dwar l-Omm'*** l-isem **'RAJA'** jigi sostitwit bl-isem **'RAGA',** kull fejn jidher; u

2. Fl-Att **ta' Twelid** li jgib in-numru **0042818,** bin-numru progressiv 3790 liema Att huwa ddatat id-**29 ta' Awwissu 1996** li jirreferi ghat-twelid tal-attur **Salah Hamed** li sehh nhar l-**24 ta' Awwissu 1986,** fil-kolonna intestata ***'Isem u kunjom - Taghrif dwar Missier it-Tarbija'*** l-isem **'ABRAHIM ALI HAMED'** jigi sostitwit bl-isem **'IBRAHIM ALI KILANI';**

Tant ghandhom x'jissottomettu l-esponenti ghas-Savju Gudizzju Superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tal-10 ta’ April 2014.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 3 ta’ Marzu 2014 (fol 28) fejn espona bil-qima u bil-ġurament tiegħu ddikjara u ikkonferma dan li ġej:

1. Illi preliminarjament, qabel is-smigh tal-kawza, b'ordni tal-Qorti ghandu jigi ppubblikat avviz fil-Gazzetta tal-Gvern talanqas hmistax-il gurnata qabel is-smigh tal-kawza *a tenur* **tal-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;**

2. Illi subordinatament ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza odjerna, l-esponent mhuwiex edott mill-fatti li gew iddikjarati fir-rikors guramentat u ghalhekk huwa jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet u kif ukoll ghas-savju gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi bla pregudizzju ghal premess, l-esponent jissottometti li fi kwalunkwe kaz l-azzjoni tar-rikorrenti mhijiex attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir ta' l-esponent u kwindi huwa m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti tenut kont tal-fatt li d-dettalji kif inseriti fl-att tat-twelid tar-rikorrenti (Dok. DRP 1) huma dawk id-dettalji li kienu gew iddikjarati minn omm ir-rikorrent istess, bhala dikjaranta fuq l-att tat-twelid tieghu u ghal liema att hija stess kienet iffirmat liema firma tikkonferma li d-dettalji kif imnizzlin huma dawk korretti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li qeghdin jigu ingunti in subizzjoni.

Rat il-verbal tas-seduta tal-Hamis, 4 ta’ Frar 2016 fejn meta ssejhet il-kawza dehret Dr Stephanie Borg ghad-Direttur

Intimat. Dehru l-attur u l-interpretu. Dr Leon Bencini msejjah tliet darbiet ma deherx. Dr Borg ghamlet referenza ghar-rapport a fol 102 sa fol 129 u rrimettiet ruhha ghall-istess. Il-kawza giet differita ghas-sentenza in difett ostakolu ghall-10 ta' Marzu 2016 fid-9:30a.m.

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-attur qed jaghmel din il-kawza sabiex jigi korrett l-att tat-twelid tieghu, billi qed tintalab korrezzjoni ta' isem ommu, u ta' kunjom missieru fil-kolonna intestata, 'Isem u Kunjom – Taghrif dwar l-Omm' u 'Isem u Kunjom - Taghrif dwar Missier it-Tarbija'. Dan qed isir *ai termini* tal-**artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili** li jaghtu dritt lil kull persuna li taghmel talba gudizzjarja ghall-korrezzjonijiet fir-registrazzjoni tal-ismijiet fl-atti tal-istati civili.

Rat il-pubblikazzjoni *ai termini* tal-**artikolu 254 tal-Kap 16** saret debitament fil-5 ta' Frar 2014 (fol 27) u b'hekk l-ewwel eccezzjoni tad-Direttur intimat hija sorvolata.

**Salah Hamed** xehed b'affidavit (fol 36-37) u qal li twieled f'Malta fl-24 ta' Awwissu 1986. Spjega li l-isem Gharbi ma jikkonsistix biss f'isem u kunjom, izda dan jigi segwit bl-isem tan-nannu u l-kunjom tal-familja. Qal li n-nannu ta' missieru kien jismu Hamed u ghalhekk kien jidher dan fuq l-isem Hamed fuq il-passaport ta' missieru. Hu kkonferma li l-kunjom tal-familja tieghu dejjem kien Kilani u qatt ma kien Hamed.

Ir-rikorrent Salah Hamed xehed ulterjorment (fol 38-39)[1] qal li isem missieru hu Ibrahim Ali Kilani. Hamed hu isem il-buznannu tieghu patern.

In **kontro-ezami** qal (fol 44-49)[2] li jaqbel li twieled f'Malta u l-att tat-twelid gie registrat f'Malta u qabel li l-att tat-twelid tieghu gie registrat ukoll fil-Libja (Dok A2 a fol 6) u ma jafx kif issir ir-registrazzjoni fil-Libja. Qal li ommu kienet marret tirregistrah u dak iz-zmien la kienet taf bl-Ingliz u lanqas bil-Malti. Qal li jista' jkun li meta rregistraw l-att tat-twelid tieghu hawn Malta, missieru kellu passaport iehor, u jista' jkun abbazi tieghu gie l-isem Hamed. Muri Dok C esebit minnu stess mar-rikors, ikkonferma li dak missieru. Esebixxa Dok LB1 9 fol 73- 74, kopja tal-passaport ta' missieru u obbliga ruhu li jesebixxi dokumenti ulterjuri minn Tripli biex juri li l-kunjom ta' missieru hu El Kilani.

**Ermelinda Zahra**, Direttur tar-Registru Pubbliku xehdet b'affidavit (fol 43) u qalet li mir-ricerki li ghamlet, irrizulta li fid-29 ta' Awwissu 1986, kienet marret omm ir-rikorrent ir-Registru Pubbliku biex tirregistrah u ismu kellu jkun Salah. Semmiet li fl-att tat-twelid dak iz-zmien kien jitnizzel l-isem, u ma kinitx issir indikazzjoni ta' kunjom it-tarbija kif isir illum.Semmiet li hu kemmxejn stramb li qed tintalab korrezzjoni llum wara li r-rikorrent ghandu tmienja u ghoxrin sena. Semmiet ukoll, li hu ferm stramb kif it-twelid tar-rikorrent gie registrat ukoll fil-Libja, *stante* li suppost id-dettalji tnizzlu hemmhek l-istess kif kien sar fir-registrazzjoni t'hawn Malta izda ma sarx hekk, u hemm imnizzel Al Kilani minflok Hamed.

---

[1] Seduta tal-20 ta' Mejju 2014
[2] Seduta tas-26 ta' Gunju 2014

Ikkonsidrat li l-intimat irrimetta ruhu ghall-provi u ghad-decizjoni tal-Qorti ghal dak li jikkoncerna l-mertu ta' dan il-kaz.

Fir-rigward tal-kaz odjern, din il-Qorti hi fid-dover li taccerta l-verita` tal-fatti fejn tidhol l-identita` ufficjali tal-persuna koncernata, specjalment meta jkun qed jintalab korrezzjoni fil-kunjom. Id-dokumenti ufficjali u c-certifikati esebiti mill-attur jistghu jaghtu l-informazzjoni mehtiega sabiex il-Qorti tkun tista' tasal ghat-talbiet odjerni.

Ghal dan l-iskop, il-Qorti nnominat lil Nadia Lanzon, bhala esperta fit-traduzzjoni mil-lingwa Gharbija ghal-lingwa Ingliza. Mir-rapport taghha, esebit a fol 102 sa 129 tal-process, debitament mahluf fit-23 ta' Settembru 2015, jirrizulta s-segwenti informazzjoni mill-att tat-twelid Libjan ta' missier ir-rikorrent esebit bhala Dok E (fol 14).

**Isem**: Ibrahim Ali Mohamed

**Kunjom** : Al Kilani

**Isem u kunjom missier it-tarbija**: Ali Al Kilani

U kif ukoll f'dokument ufficjali Libjan dwar l-atti tat-twelid ta' missier ir-rikorrent (fol 86 tal-process).

**Isem u Kunjom**: Ibrahim Al Kilani

U kif ukoll fid-dokument ufficjali Libjan ta' omm ir-rikorrent:

**Isem u kunjom**: Raja' Abu Zuda (Certifikat tat-twelid taghha **Dok F** kif tradott a fol.112 tal-process)

Mill-konkluzjonijiet tal-esperta traduttrici Nadia Lanzon, irrizulta li l-verzjoni ufficjali ta' isem missier ir-rikorrent huwa **Ibrahim Kilani**, kif tradott ghall-Ingliz. Fir-rigward ta’ isem l-omm, **Raja’ Abu Zuda**, kif tradott bl-Ingliz, il-verzjoni ufficjali tal-isem bl-Ingliz kif tradott fil-passaport Libjan jigi **Raga Abuzoda**.

Ikkonsidrat li l-intimat m’ghandux jigi addebitat bl-izball peress li l-attur ma rnexxilux jipprova li l-izball kien dovut ghal xi ghemil tal-istess intimat, aktar u aktar meta kienet omm l-attur li ffirmat id-dokument (Dok DRP1 fol 30-31). Ghalhekk, l-intimat m’ghandux ibati l-ispejjez.

Illi l-intimat irrimetta ruhu ghar-rapport tat-traduttrici Nadia Lanzon skont verbal datat 3 ta’ Dicembru 2015 (fol 131).

Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti m’ghandha l-ebda raguni sabiex ma tadottax il-konkluzjonijiet tal-esperta mahtura li ghaldaqstant qed taghmilhom taghha. Konsegwentement ser tghaddi biex tilqa’ t-talba tal-attur ghall-korrezzjoni mehtiega.

## III. <u>KONKLUZJONI</u>

Illi ghalhekk, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi**, billi tilqa’ t-tielet eccezzjoni tal-intimat, rigward il-kap tal-ispejjez, tiddisponi mit-talbiet tal-attur skont dan li gej:

1. Tilqa’ l-ewwel talba u tordna li fl-att tat-Twelid li jgib in-numru 0042818 bin-numru progressiv 3790 li jirreferi ghat-twelid ta’ Salah Hamed li sehh nhar l-24 ta’ Awwissu 1986

fil-kolonna intestata Isem u Kunjom – Taghrif dwar l-omm, l-isem “Raja” jigi sostitwit bl-isem **“Raga**”;

2. Tilqa’ t-tieni talba u tordna li fl-imsemmi Att tat-Twelid ta’ Salah Hamed fil-kolonna intestata Isem u Kunjom- Taghrif dwar il-missier tat-Tarbija’ l-isem “Abrahim Ali Hamed” jigi sostitwit bl-isem “**Ibrahim Al Kilani**”.

Tordna wkoll li kopja ta' dni is-sentenza tigi notifikata lill-Intimat *ai termini* tal-artikolu 256 tal-Kodici Civili sabiex fiz-zmien li trid il-ligi, isiru d-debiti korrezzjonijiet hawn fuq ordnati.

**L-ispejjez jithallsu mir-rikorrent.**

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Lorraine Schembri Orland**
**LL.D., M.Jur.(Eur.Law), Dip.Trib.Eccles.Melit.**
**10 ta’ Marzu 2016**

**Josette Demicoli**
**Deputat Registratur**
**10 ta’ Marzu 2016**